Kumitat Ekonomiku
u Soċjali Ewropew



## SEJĦA GĦAL

# PATT BLU TAL-UE

#EUBlueDeal







L-ilma huwa riżorsa essenzjali. Huwa indispensabbli għall-ekosistemi, għall-ħajja tal-bniedem u għall-funzjonament tal-ekonomija u tas-soċjetà tagħna. Iżda r-riżorsi globali tal-ilma huma limitati u jinsabu dejjem taħt pressjoni akbar. Kif rikonoxxut b'mod espliċitu mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-2010, **l-aċċess għall-ilma tax-xorb sikur u s-sanità huwa dritt tal-bniedem**, u huwa inaċċettabbli li hemm persuni li għad ma għandhomx aċċess għall-ilma u s-sanità fl-UE.

L-UE stabbiliet oqfsa legali biex tipproteġi r-riżorsi tal-ilma ħelu u tal-baħar. Madankollu, ħafna mill-objettivi stabbiliti ma ntlaħqux. Bl-għan li jiġi żviluppat approċċ komprensiv għall-politiki Ewropej dwar l-ilma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) adotta sensiela ta' Opinjonijiet fuq inizjattiva proprja li jindirizzaw il-kriżi tal-ilma fid-diversi dimensjonijiet tagħha.

Fid-dawl tan-natura essenzjali tal-ilma u l-isfidi attwali u futuri li qed jaffaċċjaw id-dinja u l-kontinent tagħna, il-KESE jemmen bil-qawwa li l-ilma ma jistax jibqa' wieħed mill-elementi tal-Patt Ekoloġiku: tinħtieġ bidla fl-iskala fil-livell tal-UE. Il-Kumitat jistieden għalhekk lill-istituzzjonijiet Ewropej **iqisu l-ilma bħala prijorità u jadottaw Patt Blu tal-UE bħala politika strateġika awtonoma**, fuq l-istess livell mal-Patt Ekoloġiku tal-UE. Il-Patt Blu tal-UE jrid ikun **kompletament komplementari għall-Patt Ekoloġiku tal-UE u għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, u f'sinerġija magħhom**. Għandu jkun politika komprensiva u koerenti, ibbażata fuq prinċipji ta' gwida u azzjonijiet konkreti kif stabbilit hawn taħt. Hija kwistjoni li nantiċipaw il-ħtiġijiet u li nippreżervaw u nimmaniġġjaw tajjeb ir-riżorsi tal-ilma komuni tagħna fuq terminu qasir, medju u twil għal futur reżiljenti għall-ilma. **L-Ewropa tista' tittrasforma l-isfidi relatati mal-ilma f'opportunitajiet ġodda** għall-iżvilupp teknoloġiku, il-progress tas-soċjetà, l-impjiegi ġodda, il-ħiliet u t-tkabbir tan-negozju, u dan kollu b'rispett għall-ambjent.

Il-Kumitat tagħna jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jqisu dawn il-prinċipji u l-proposti u jirrikonoxxu l-ilma bħala **prijorità strateġika fil-perjodu ta' programmazzjoni 2028-2034 u lil hinn**, bħala politika integrata fil-politiki kollha tal-UE.

Wasal iż-żmien li ningħaqdu flimkien u nsibu soluzzjonijiet komuni għall-kriżi sistemika tal-ilma. L-azzjoni kollettiva tagħna, appoġġjata minn strateġija tal-ilma b'saħħitha u ambizzjuża fil-livell Ewropew, hija l-unika garanzija għal futur sostenibbli u reżiljenti għall-ilma.

Oliver Röpke, President tal-KESE

*26 ta' Ottubru 2023*

# PRINĊIPJI GWIDA TAL-PATT BLU TAL-UE

### Prinċipju 1:
**Il-politiki kollha tal-UE jeħtieġ li jkunu allinjati mal-politika ġdida Ewropea dwar l-ilma**, kif huwa l-każ tal-Patt Ekoloġiku tal-UE. Il-politiki u l-azzjonijiet taħt il-Patt Blu jridu jkunu bbażati fuq **data dwar l-ilma aġġornata, preċiża, trasparenti, komparabbli, faċilment aċċessibbli u affidabbli**.

### Prinċipju 2:
**Ir-restawr u l-protezzjoni tal-ekosistemi, l-artijiet mistagħdra u l-bijodiversità** għandhom jiffurmaw parti essenzjali mill-Patt Blu.

### Prinċipju 3:
**L-Unjoni Ewropea jeħtiġilha tadotta approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-ilma u tiġġieled il-faqar tal-ilma**, b'konformità mal-Prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. **Id-dritt għal ambjent b'saħħtu għandu jiġi rikonoxxut ukoll bħala dritt fundamentali tal-bniedem.**

### Prinċipju 4:
Is-servizzi tal-ilma, is-sanità u l-iġjene **(WASH) iridu jkunu sostenibbli, ekwi, ta' kwalità għolja u affordabbli għal kulħadd**. F'każ ta' kriżi tal-ilma, iċ-ċittadini u l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom għandu jkollhom prijorità.

### Prinċipju 5:
**L-utenti kollha tal-ilma għandhom jitħeġġu jadottaw soluzzjonijiet u prattiki li jappoġġjaw l-użu u l-konsum sostenibbli tal-ilma.**

### Prinċipju 6:
**L-UE jeħtiġilha tappoġġja l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jippermettu l-effiċjenza fl-użu tal-ilma, u r-riċiklaġġ u t-tnaqqis tat-tniġġis tal-ilma** kif ukoll l-implimentazzjoni inkrementali tagħhom **fl-agrikoltura, l-industrija u l-unitajiet domestiċi**.

### Prinċipju 7:
**It-telf tal-ilma minħabba tnixxijiet min-networks u l-iskart tal-ilma** mill-agrikoltura, l-industrija, l-unitajiet domestiċi u l-utenti l-oħra kollha **jeħtieġ li jitnaqqas b'mod sinifikanti**.

### Prinċipju 8:
L-agrikoltura hija kemm kawża ewlenija kif ukoll vittma tal-iskarsezza tal-ilma. **L-UE trid tiżgura, permezz ta' pjan strateġiku, aċċess għal ilma ta' kwalità suffiċjenti u l-ġestjoni sostenibbli tiegħu fl-agrikoltura biex tippermetti produzzjoni tal-ikel adegwata u sostenibbli fl-UE.**



## Prinċipju 9:

Minħabba r-rabta bejn l-enerġija, l-ilma u l-materja prima kritika, **l-ilma għandu jitqies bħala element fundamentali tal-istrateġija industrijali tal-UE**.

## Prinċipju 10:

**Huwa meħtieġ approċċ industrijali settorjali** peress li industriji differenti għandhom ħtiġijiet u opportunitajiet tal-ilma differenti fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-ilma. **Il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara" għandu jiġi kkombinat ma' dritt għal attivitajiet ekonomiċi ta' konsum tal-ilma.**

## Prinċipju 11:

**Id-disponibbiltà ta' ħaddiema tas-sengħa u speċjalizzati trid tiġi żgurata u l-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej għandha tiġi ppreżervata.**

## Prinċipju 12:

**Politika komprensiva tal-UE dwar l-ilma għandha tkun akkumpanjata minn pjan ta' finanzjament daqstant ieħor ambizzjuż. Il-prezzijiet, il-kostijiet u t-taxxi tal-ilma jridu jkunu ġusti u trasparenti**, u l-prezzijiet għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju tal-irkupru sħiħ tal-kostijiet.

## Prinċipju 13:

**L-UE għandha żżid il-ħidma tagħha dwar id-diplomazija blu**, u l-ilma għandu jiġi integrat fil-politika barranija u r-relazzjonijiet esterni tal-UE, inklużi l-politiki tal-viċinat, tal-kummerċ u tal-iżvilupp. Wieħed mill-objettivi strateġiċi ewlenin tad-diplomazija blu għandu jkun **l-aġġornar tal-qafas tat-trattat tan-NU dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-ilma**, u l-implimentazzjoni rapida tal-ftehimiet internazzjonali.

## Prinċipju 14:

Huwa essenzjali li jiġu **żviluppati politiki internazzjonali biex jiġu promossi l-użu ekonomiku u l-użu effiċjenti tal-ilma fis-setturi kollha tal-ekonomija u tas-soċjetà, biex jitnaqqas it-tniġġis** tal-ilmijiet ta' taħt l-art u tal-wiċċ, kif ukoll biex jiġu **restawrati l-ilmijiet imniġġsa u degradati**.

## Prinċipju 15:

Il-Patt Blu tal-UE jirrikjedi **governanza adegwata tar-riżorsi tal-ilma ħelu, inkluż l-ilma ta' taħt l-art**. Il-KESE jappella għal **approċċ tal-baċini tax-xmajjar** bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. L-inizjattivi eżistenti ta' kooperazzjoni transfruntiera rigward il-baċini tax-xmajjar għandhom jiġu approfonditi, żviluppati u ffinanzjati b'mod adegwat.

# AZZJONIJIET TAĦT IL-PATT BLU TAL-UE LI GĦANDHOM JIĠU IMPLIMENTATI B'URĠENZA

Minħabba l-isfidi li se jkollna niffaċċjaw, irridu naġixxu b'urġenza. **Il-KESE jħeġġeġ lill-koleġiżlaturi jinkludu l-miżuri li ġejjin fil-Patt Blu, u se jimmonitorja b'attenzjoni l-implimentazzjoni tagħhom matul il-mandat li jmiss tal-Kummissjoni Ewropea (2024-2029).**

| | |
|---|---|
| 1 | Hemm bżonn **approċċ komuni għall-fehim dwar il-faqar tal-ilma fil-livell tal-UE**. Jeħtieġ li l-UE tiżviluppa **linji gwida komuni biex timmonitorja l-aċċess għal servizzi tal-ilma u tas-sanità ta' kwalità tajba u affordabbli**, u anke timmappja s-sitwazzjoni attwali u ssegwi l-iżviluppi fuq bażi regolari. |
| 2 | Għandu jkun hemm **pjattaforma konsultattiva tal-partijiet ikkonċernati tal-UE, stabbilita b'mod konġunt mill-KESE u minn istituzzjonijiet oħra tal-UE** biex: tikkondividi l-aħjar prattiki; tiżviluppa standards speċifiċi dwar il-kwalità u l-użu tal-ilma fl-agrikoltura u l-industrija; tikkontribwixxi għal aġġornar regolari tal-pjani ta' azzjoni tal-Patt Blu; u tippromovi s-sħubijiet u l-ekonomija ċirkolari. |
| 3 | Hemm bżonn ta' **ġbir sistematiku ta' data trasparenti, komparabbli, faċilment aċċessibbli u affidabbli dwar is-sitwazzjoni attwali u x-xejriet fit-tul fil-livell tal-UE** fl-oqsma li ġejjin: il-provvisti tal-ilma; l-aċċess għall-ilma u s-sanità; l-istat tal-infrastrutturi tal-ilma; l-astrazzjonijiet tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art; u l-użu tal-ilma fi proċessi industrijali, agrikoli u domestiċi. |
| 4 | **L-infrastruttura tal-ilma u r-riżorsi tal-ilma ta' kull Stat Membru jeħtieġ li jiġu vvalutati minnufih u bir-reqqa** sabiex jiġu identifikati l-ħtiġijiet urġenti ta' investiment. Jenħtieġ li tiġi adottata leġiżlazzjoni konsistenti fl-Istati Membri kollha biex jiġi stabbilit **mekkaniżmu sostenibbli għall-ħżin tal-ilma matul il-perjodi tax-xita**. |
| 5 | **L-iżvilupp tal-infrastruttura tal-ilma u tas-sanità għandu jiġi ffinanzjat, b'mod partikolari f'viċinati urbani u rurali soċjalment żvantaġġati.** Dan jista' jsir, pereżempju, fil-kuntest tal-mewġa ta' rinnovazzjoni urbana. |
| 6 | Il-prezzijiet iridu jqisu s-sigurtà tal-ilma fit-tul, jinkorporaw il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u **jiżguraw aċċess universali u prezzijiet affordabbli, b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli. Għandu jiġi stabbilit approċċ komuni fil-livell tal-UE għall-iffissar ta' prezzijiet tal-ilma ġusti**. It-tariffi tal-ilma jistgħu jinkorporaw sinjali tal-prezzijiet biex jiġi żgurat konsum aktar sostenibbli. |
| 7 | Għandhom jiġu introdotti **kampanji ta' sensibilizzazzjoni u azzjonijiet speċifiċi biex jippromovu l-fehim dwar il-valur tal-ilma u l-bidla fl-imġiba fit-tul** fl-Istati Membri kollha. |
| 8 | Għandha tiġi introdotta **tikketta tal-konsum tal-ilma** għall-prodotti, flimkien mat-tikketta tal-enerġija eżistenti tal-UE, għas-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi. Il-konsumaturi għandhom jiġu inċentivati biex **jikkalkulaw l-impronta tal-ilma tagħhom**. |



| | |
|---|---|
| 9 | **Għandhom jiġu stabbiliti inċentivi għal tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari tal-ilma u li jappoġġjaw l-użu mill-ġdid tal-ilma għat-tipi kollha ta' utenti.** Is-sostituzzjoni tal-użu tal-ilma tax-xorb b'sorsi tal-ilma mhux konvenzjonali għandha ssir in-norma fejn dan huwa possibbli. |
| 10 | **Matul is-sentejn li ġejjin, l-istrateġija industrijali tal-UE u d-dokumenti tagħha b'rabta mal-perkors ta' tranżizzjoni jeħtieġ li jiġu rieżaminati biex jinkludu sfidi u opportunitajiet industrijali relatati mal-ilma**, u għandhom jagħmlu enfasi speċjali fuq l-industriji intensivi fl-użu tal-ilma u jappoġġjaw l-adozzjoni ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma. |
| 11 | L-UE għandha taċċellera l-ħidma tagħha biex toħloq **Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni għall-ilma** fi ħdan l-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (EIT) u biex issaħħaħ l-approċċ ta' "ħames missjonijiet". |
| 12 | **L-iskemi kollha tal-Politika Agrikola Komuni għandhom jinkoraġġixxu ġestjoni sostenibbli u effiċjenti tal-ilma**, u jinkorporaw indikaturi f'kull Stat Membru sabiex jiġi mmonitorjat il-progress fil-ġestjoni tal-ilma. Irid jingħata appoġġ imfassal apposta biex jiġu żgurati tranżizzjoni sostenibbli fis-settur agroalimentari u l-adattament tas-settur għat-tibdil fil-klima. |
| 13 | **Il-politiki agrikoli u industrijali tal-UE jridu jintegraw miżuri li jrawmu t-tnaqqis, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-ilma u t-tnaqqis tat-tniġġis tal-ilma**, permezz tal-adozzjoni ta' prattiki tajbin, taħriġ u soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda, għal soċjetà intelliġenti rigward l-użu tal-ilma. |
| 14 | **L-użu sostenibbli tal-ilma u l-kundizzjonalità tal-ilma għandhom jintużaw bħala kriterji fil-fondi kollha tal-UE**, sabiex jiġi evitat li jiġu appoġġjati proġetti li jmorru kontra l-objettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u l-Patt Blu tal-UE l-ġdid. |
| 15 | Minbarra l-fondi nazzjonali, irid jiġi stabbilit **Fond għal Tranżizzjoni Blu** fil-livell tal-UE **bħala punt ta' aċċess uniku tal-UE għall-investimenti fl-ilma u li jikkombina l-investiment pubbliku ma' finanzjament innovattiv**. |
| 16 | **Il-Fond għal Tranżizzjoni Blu se jappoġġja infrastruttura reżiljenti u ġestjoni sostenibbli tal-ilma, riċerka u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma.** Se jiffinanzja investimenti b'rabta mal-**kundizzjonijiet tax-xogħol, impjiegi ta' kwalità tajba u taħriġ** kif ukoll miżuri biex **jitnaqqsu l-inugwaljanzi** fl-aċċess għal servizzi tal-ilma u tas-sanità affordabbli u ta' kwalità tajba. |
| 17 | L-investimenti fl-ilma għandhom jingħataw **trattament speċjali fi ħdan il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir**. |
| 18 | **It-Trattat tan-NU dwar l-Ibħra Internazzjonali** miftiehem dan l-aħħar għandu jiġi implimentat malajr. |
| 19 | Fir-relazzjonijiet esterni, l-UE għandha tiffaċilita l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u tal-ilma mormi permezz ta' **kooperazzjoni fl-oqsma tal-infrastruttura, tat-teknoloġiji u tal-għarfien espert bħala parti mis-sħubijiet ekonomiċi u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp**. Il-Global Gateway hija għodda eċċellenti f'dan ir-rigward. |
| 20 | **Għandu jitwaqqaf Ċentru Ewropew tal-Ilma b'dimensjoni internazzjonali** biex jappoġġja lill-Istati Membri u lil pajjiżi oħra fil-Viċinat Ewropew u lil hinn minnu biex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati mal-ilma. Dan iċ-ċentru għandu jippreżenta eżempji ta' kollaborazzjoni eċċellenti u joffri rakkomandazzjonijiet ta' politika biex jiġu promossi l-objettivi ta' politika marbutin mal-Patt Blu. |
| 21 | Għandu jkun hemm **Kummissarju tal-UE apposta** responsabbli għall-portafoll tal-ilma. |



**Kumitat Ekonomiku
u Soċjali Ewropew**

Rue Belliard/Belliardstraat 99
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

**www.eesc.europa.eu/eubluedeal**

*Printed by the EESC-CoR Printing and Distribution Unit, Belgium*

EESC-2023-81-MT

© L-Unjoni Ewropea, 2024
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratt / grafika, il-permess għandu jintalab direttament mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur.
Kopertura paġna: ©Shutterstock/U2M Brand
Paġni ta' ġewwa: ©Shutterstock/Ekkachai Tis

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

Print:
QE-04-23-852-MT-C
ISBN 978-92-830-6266-0
doi: 10.2864/800326
Online:
QE-04-23-852-MT-N
ISBN 978-92-830-6290-5
doi: 10.2864/578718

MT